**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR SIMONE GRECH LL.D.**

**Seduta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Spiridione Zammit u Spettur Wayne Camilleri**
**Vs**
**Neville Abela**

**Illum 17 ta' Frar 2020**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Neville detentur tal-karta ta' l-identita' numru 78486M fejn gie akkuzat:

*Talli fid-29 ta' Settembru 2018 ghal habta ta' 12.30pm (nofs siegha ta' wara nofsinhar) waqt li kien flimkien ma' xi persuna/I ohra fit-Triq Balbi Marsa u/jew f' dawn il-gzejjer ikkommetta serq ta' portmoni b' mobile Samsung ghal valur ta' madwar EUR 250, credit cards, karta tal-identita' u licenzja tas-sewqan, EUR 150 u/jew dokumenti u/jew oggetti ohra minn vettura tal-ghamla Hyundai numru tar-registrazzjoni MARTINA 26, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Oriana Farrugia minn Marsaskala u/jew persuni ohra.*

*Ukoll talli fil-lejl ta' bejn it-02.10.2018 (Tnejn ta' Ottubru 2018) u 03.10.2018 (Tlieta ta' Ottubru 2018) minn residenza numru 51 Casa Fraben li tinsab fit-triq l-iskola Marsa u/jew f' dawn il-gzejjer ikkometta serq ta' portmoni bi EUR 30 u/jew oggetti ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok u bil-hin ghad-detriment ta' Francis Abela u/jew persuni ohra.*

*Ukoll talli fl-istess cirkustanzi, xjentement flimkien ma' xi persuna/I ohra laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq, jew akkwistati b' reat sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta, jew xjentement kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom.*

*Akkuzat ukoll talli kiser il-provvedimenti tal-art 7 tal-kap 446 moghti lilu mill-Qorti tal-Magistrati Malta.*

*U b' hekk rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49,50 u 289 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Akkuzat ukoll talli fl-istess cirkustanzi naqas milli jhares xi wahda u/jew iktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet impost fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Magistrat Dr N Galea Sciberras) b' digriet datat 05.09.2018 u li permezz tieghu nghata il-helsien mill-arrest taht diversi kondizzjonijiet, fosthom li jiffirma kull Tnejn, Erbgha u Gimgha bejn 8am -8pm, jinkaza gewwa d-dar f' numru 4 fi Triq it-Tigrija MArsa mhux izjed tard mid-9pm u ma johrogx minn hemm qabel is-7am u li ma jikkommettix delitt ta' natura volontarja waqt li jkun hieles mill-arrest.*

*Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija flimkien mal-piena applikabbli ghar-reati msemmija, tirrevoka contrario imperio d-digriet tal-helsien mill-arrest datat 05.09.2018 u tordna l-arrest mill-gdid ta' Neville Abel kif ukoll li tordna li s-somma ta' EUR 5500 bhala garanzija personali li gew impost fuqu sabiex jaghmel tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulate fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet il-provi.

Rat li l-prosekuzzjoni rtirat ir-raba' imputazzjoni ossija dik rigwardanti l-artiklu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat liema ammissjoni regghet giet ikkonfermata wara li l-istess imputat inghatat zmien biex jirrikonsidra l-istess ammissjoni.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 334, 261 (b) 261 (c ), 261 ( e), 261 (f), 261 (g), 263(a), 264(1), 267, 269, 270, 271, 279(a), 49, 50, 289, 579, 18, 28A u 31 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li semghet sottomissjonijiet dwar il-piena, il-Qorti jidrilha li fic-cirkostanzi, piena karcerarja sospiza tkun l-aktar piena idoneja.

Ghal dawn il-motivi, fuq ammissjoni, wara li rat l-artikoli 334, 261 (b) 261 (c ), 261 ( e), 261 (f), 261 (g), 263(a), 264(1), 267, 269, 270, 271, 279(a), 49, 50, 289, 579, 18, 28A u 31 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' imputazzjoni filwaqt li qed issib lill-imputat Neville Abela hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, il-hames u s-sitt imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' erba' snin (4) snin mil-lum.

In oltre ai termini tal-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tordna l-konfiska, favur il-Gvern ta' Malta, tas-somma stabbilita fil-helsien mill-arrest taht garanzija ai termini tad-digriet ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta mill-Magistrat Dr. Natasha Galea Sciberras tal- 5 ta' Settembru 2018, ossia s-somma ta' hamest elef u hames mitt Ewro (€5,500).

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Magistrat Simone Grech

Janet Calleja
Deputat Registratur